MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 1586/1994/1

**Joseph Micallef u Anthony Ghio ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Golden Press Company Limited.**

**Vs**

**L-Avukat Dottor Francis Portanier u George Portanier ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Portanier Brothers Limited.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi:

Peress illi s-socjeta' konvenuta hi debitrici tal-atturi noe. fis-somma ta' sebgha u disghin elf, disa mija u sittin Lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm97.960.31c) rapprezentanti bilanc ta' hlas ghal-xoghol ta' *printing* ta' *labels* u xoghol iehor konness u ancillari maghmul mill-atturi noe. fuq ordni tal-istess konvenuti noe u abbazi ta' rati u prezzijiet minnhom approvati, u dan skond kif jirrizulta mill-anness *Statement of Account* u *Confirmation Letter* li kopji taghhom huma hawn annessi u immarkati rispettivament DOK. A u DOK. B;

Peress illi in oltre, l-atturi noe. sofrew danni in segwitu ma spejjez u zmien inutili in segwitu ghal-ordni ulterjuri tal-konvenuti noe relattiv ghal-bevanda "Kimara'', liema ordni mbaghad giet in parte arbitrarjament kancellata mill-konvenuti noe kif jista' jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Peress illi l-konvenuti noe. ghalkemm debitament interpellati sabiex ihallsu l-ammonti kollha minnhom hekk dovuti baqghu inadempjenti:

Jghidu l-konvenuti noe, ghaliex dina l-Qorti m'ghandiex:-

1. Tikkundannahom li jhallsu lill-atturi noe is-somma ta' sebgha u disghin elf, disa mija u sittin Lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm97.960.31), hlas ta' bilanc minnhom dovut kif fuq premess.

2. Tiddikjarahom responsabbili tad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala rizultat tal-kancellament arbitrarju taghhom tal-ordni ta' *printing* relattiv ghal-bevanda "Kimara'';

3. Tillikwida dawn id-danni fuq imsemmija occorrendo bl-operat ta' periti nominandi;

4. Tikkundannahom illi jhallsu lill-atturi noe l-ammont hekk likwidat kif fuq premess.

Bl-ispejjez u interessi legali kontra l-konvenuti noe. li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-atturi noe. a fol. 3 tal-process.

Rat in-**Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 12 tal-process fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom peress illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in vista tal-fatt:

(a), li, fl-ewwel lok, ir-relazzjonijiet tal-eccipjenti kienu ma' Joseph Micallef personalment u mhux ma xi ditta minnu rapprezentata;

(b) li, minghajr pregudizzju ghall-premess, parti kbira mis-somma mitluba tirreferi ghall-ordni li baqghet sallum qatt ma giet konsenjata; u

(c) li l-attur (jew occorrendo, d-ditta tieghu) thallas inadebitament prezz ferm akbar billi kien dovut ghal diversi ordnijiet li saru qabel, tant li l-esponenti qed jistitwixxi kawza ghar-refusjoni ta' somma ta' aktar minn Lm84,000 imhallsa inadebitament kif jigi spjegat f'dik il-kawza, u, ghalhekk, f'kaz, hemm lok ghat-tpacija;

(d) li l-eccipjenti ma huma bl-ebda mod responsabbli ghal xi danni allegatament sofferti mid-ditta attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw;

Din il-kawza kienet miexja kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet inversi George Portanier noe vs Joseph Micallef et noe (Citaz Nru 50/95) deciza illum stess u li l-provi mismugha f'wahda kellhom jghoddu ghall-ohra stante li l-fatti huma l-istess u bejn l-istess partijiet.

L-atturi qed jitolbu s-somma ta' Lm97.960.31c rapprezentanti bilanc ta' hlas ghal-xoghol ta' *printing* ta' *labels* u xoghol iehor konness u ancillari maghmul fuq ordni tal-konvenuti skond *Statement of Account* u *Confirmation Letter* DOK. A u DOK. B.

L-atturi qed jitolbu wkoll danni in segwitu ghal spejjez u zmien inutili in segwitu ghal-ordni ulterjuri tal-konvenuti relattiv ghax-xarba "Kimara'', liema ordni giet in parte arbitrarjament kancellata mill-konvenuti. Dawn id-danni jikkonsistu f'imghaxijiet zejda bankarji biex jiggestixxu din l-ordni u fl-istorage tal-*labels* billi l-konvenuti baqghu jirrifjutaw li jiehduhom.

**Eccezzjonijiet**

Legittimu kontradittur

Fl-ewwel lok il-konvenuti qed jeccepixxu li r-relazzjoni taghhom kienet ma Joseph Micallef personalment u mhux mad-ditta minnu rappresentata. Huma jghidu li kienu hallsu Lm10,000 lill Joseph Micallef personali (ara dok a fol 35 tal-process numru 50/95) u li kull kont li Joseph Micallef kien jipprezenta kien jithallas b'*cheque* li fuq talba tieghu kien johrog fuq ismu u mhux fuq Golden Press (ara xhieda a fol 28).

Illi l-Qorti ezaminat ix-xhieda kollha prodotta u minnha jirrizulta li ghalkemm dak li qalu l-konvenuti hu minnu, huma kienu l-hin kollu konsapevoli li Joseph Micallef kien shab ma' Anthony Ghio u li dawn kienu qed jidhru ghall kumpanija Golden Press. Dan jidher evidenti wkoll mid-

dokumenti A u B ezibiti; u dok a fol 101 sa 106 fost l-ohrajn.

Ghalhekk dina l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

<u>Somma mitluba</u>

Fit-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu li parti kbira mis-somma mitluba tirreferi ghall-ordni li baqghet qatt saret u qatt ma giet konsenjata.

Bhala fatti jirrizulta li l-atturi kienu jaghtu servizz ta' *printing* u produzzjoni ta' *labels* lill-konvenuti skond l-ezigenzi tas-socjeta' konvenuta. Dawn l-ordnijiet kienu jkun kbar hafna. Skond l-atturi s-somma pretiza tirrizulta mid Dok A u B. Id-Dok A huwa *statement of account* datat 31 ta' Awissu 1994 mibghut mill-atturi wara r-relazzjonijiet kummercjali bejn il-partijiet kienu spiccaw minhabba nuqqas ta' qbil u akkuzi ta' frodi da parti tal-konvenuti fil-konfront ta' Joseph Micallef.

Il-kont imsemmi huwa dwar *labels* tax-xarba Mirinda u hemm indikat li parti mill ammont indikat kien gie konsenjat. Imbaghad hemm il-kont tal-*Old Kimara Labels* fejn hemm ukoll indikat li parti mill-ammont kien gie konsenjat. Hemm ukoll il-kont tan-*New Kimara Labels* u hemm indikat x'kien gie konsenjat u x'kien ghad ghandhom *in stock*. L-ammont totali indikat bhala dovut kien ta' Lm97,960.31.

Fid-Dok B hemm l-ittra mibghuta mill-konvenuti fejn Portanier Bros ordnat il-*labels* tal-Miranda u Kimara.

L-atturi ezebew ukoll id-dokument GP1 a fol 189 li hu *reconciliation statement of final outstanding transactions with Portanier Bros.* Meta Joseph Micallef xehed fuq dana d-dokument hu qal li d- Dok A u Dok GP1, it-tnejn huma tajbin u li d-Dok GP1 huwa biss aktar spjegat.

Fid-dok GP1 l-atturi jghidu li l-ordni (li tinkludi l-ordni tal-Mirinda u tal-Kimara) kienet ta' Lm70,960.00. Mid-dokument jirrizulta li kienu gew *delivered New Kimara*

*Labels* b'kemm jiswew Lm2,438.30. u li kien baqa' in stock Lm1,451.76. Bhala total l-ordni kienet giet tlahhaq Lm80,076.46 li wara li tnaqqas l-ammont ta' Lm10,000 li kien thallas bhala depozitu mill-konvenuti kien ihalli bilanc ta' Lm70,076.46. Maghhom l-atturi ziedu l-ammont ta' Lm26,883.85 li huma jghidu li kienu ghal *extra labels* li pprintjaw skond ftehim verbali li kien hemm bejnithom u li ghalhekk igib l-ammont mitlub ghal Lm96,960.31.

Jidher ghalhekk li dana l-ammont ma jaqbilx ma l-ammont mitlub fic-citazzjoni ghalkemm Joseph Micallef ikkonferma li z-zewg dokumenti huma t-tnejn tajbin bla pero' ma jaghti spjegazzjoni ghad-diskrepanza.

Fuq dawn id-dokumenti l-konvenuti jirritjenu li ma hemmx spjegazzjoni dwar id-differenzi li hemm bejn id-dok A u dok GP1. Ma gietx spjegata d-differenza ta' Lm26,883.85 bejn l-ammont mitlub fic-citazzjoni u l-ammont ta' Lm70,076.46 imsemmi fid Dok GP1. Il-konvenuti jikkontestaw u jsostnu li ma kien hemm ebda ftehim verbali biex jigu printjati labels zejda fl-ammont ta' circa Lm27,000.

Apparti t-tahwid fil-figuri l-konvenuti jsostnu wkoll li l-atturi ma ppruvawx li l-ordni li ghamlu Portanier Brothers qatt inhadmet.

**Tikkunsidra**

Illi meta wiehed jezamina d-dok GP1 li suppost huma r-*reconciliation statement* u li Joseph Micallef jghid li huwa korrett jirrizulta li l-valur tal-ordni kien ta' Lm70,076.46 li minnhom gew konsenjati Lm2,438.30 u baqa' *in stock* l-ammont ta' Lm1,451.76. Jirrizulta li l-konvenuti kienu hallsu *deposit* ta' Lm10,000. Ghalhekk b'dak li kien gie konsenjat baqa' *stock* Lm3,890.06 ghalhekk suppost hemm bilanc ta' Lm6,109.94 favur il-konvenuti u anke jekk tnaqqas il Lm5,226.40 li l-atturi qed jippretendu li hu dovut lilhom, jibqa' bilanc favur il-konvenuti.

Meta Joseph Micallef gie kontroezaminat biex jaghti spjegazzjoni ta' x'hiex qed jitlob id-differenza hu qal li d-

differenza hija ghal *labels* li suppost ikkonsenjaw matul is-sena u li baqghu ghandu fl-ammont ta’ Lm86,000, *worth of labels* cjoe *labels* hziena.

Inoltre l-*cost of sales* li jidhru fl-*audited accounts* huma tant baxxi li ma jaghtux lok li jkun l-ammont ta’ Lm97,000 valur ta’ xoghol pendenti.

Il-konvenuti jsostnu li minn imkien ma jirrizulta li fil-fatt l-ordni l-kbira tal-Kimara kienet saret jew giet konsenjata.

Il-Qorti ezaminat il-provi u ssib l-atturi kienu kkonsenjaw l-ammonti li hemm indikati fid-dokument a fol 189 u li kienu koperti bid-depozitu ta’ Lm10,000 li sar, izda ma ngabitx prova li l-atturi effettivament pproducew l-ammont ta’ Lm86,000 *labels* li qed jippretendu li huma pprintjaw u li l-konvenuti allegatmaent rrifjutaw li jaccettaw. Lanqas ma gie pruvat li l-atturi pprovaw jikkonsenjaw dawn il-*labels* lill-konvenuti. Lanqas ma giet prodotta xi prova dokumentarja ta’ dana l-prodott jew fejn qed jigi storjat. Id-Dok V ezibit mhux prova konkludenti li x-xoghol li jidher hu tal-konvenuti jew li jammonta ghall ammont mitlub ta’ Lm97,000.

Jirrizulta mill-provi li l-konvenuti kienu qalu lill Micallef biex jikkonsenja dak li kien lesta, izda hu baqa’ qatt ma kkonsenja xejn. (ara xhieda Dr. F. Portanier u George Portanier). Skond id-Dok B l-ordni kellha tigi konsenjata sa 8/5/1994 izda fil-fatt sa Awissu kienet baqghet ma gietx konsenjata

Il-konvenuti xehdu li meta kienet inqalghet il-problema legali minhabba xebh fuq it-tiketta krema tal-Kimara ma’ ditta ohra huma kienu lahqu rcevew minghand l-atturi parti zghira biss mill-ordni kbira li kienu ghamlu ghal dawn it-tikketti. Meta riedu jibdlu l-kulur tal-label malajr minhabba dina l-problema u sabiex il-kompetituri taghhom ma jzommuhomx milli johorgu fis-suq, l-attur Joseph Micallef beda jsib diffikolta’ biex jaghmel it-tiketti l-godda u beda jghid li trid hafna xoghol u zmien biex igib il-karta mill Brazil izda weghdhom li se jaghmillhom pjacir biex jaqdihom malajr u kien se jaghmel parti zghira u juza l-

karta li hu qal li kien juza ghal Coca Cola. Kien f'dan l-istadju li faqqghet il-kwistjoni bejn il-partijiet u l-konvenuti indunaw li Joseph Micallef kien ilu jghaddihom biz-zmien u ghalhekk waqqfu lill Micallef milli jkompli bl-ordni.

Jirrizulta ghalhekk li f'dak iz-zmien l-atturi ma setghux kienu f'posizzjoni li jghidu li kineu pproducew l-ordni kollha li issa qed jippretendu li huma lestew u li taghha jridu jithallsu.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw li l-ammont mitlub minnhom fic-citazzjoni huwa dovut. Kwalunkwe xoghol li sar mill-atturi u li l-konvenuti jghidu li kienu disposti li jhallsu u li gie kkonsenjat hu kopert bid-depozitu ta' Lm10,000 li sar mill-konvenuti.

**Danni**

L-atturi talbu wkoll li danni minhabba spejjez u zmien inutili wara li l-ordni ghax-xarba "Kimara'' giet in parte arbitrarjament kancellata mill-konvenuti. Huma jghidu li billi l-ordnijiet kienu ikunu kbar kien ikollhom jabbandunaw hafna xoghol li kellhom biex jaqdu lill-konvenuti. Meta mbaghad ir-relazzjoni kumercjali giet terminata arbitrarjament mill-konvenuti huma kellhom jergghu jirkupraw l-kljenti li kienu tilfu.

Il-konvenuti wiegbu li huma bl-ebda mod ma huma responsabbili ghal xi danni allegatament sofferit mill-atturi. Il-konvenuti jsostnu li huma kellhom jwaqqfu l-ordni li kienu ghamlu lill atturi meta indunaw li Joseph Micallef kien qed jidhaq bihom. Huma semmew diversi cirkostanzi fejn Joseph Micallef kien ghamel misrapprezentazzjoni kemm dwar il-prezz u l-karta li kien qed jipprovvdi lill-konvenuti.

Il-konvenuti semmew li Micallef kien ighidilhom li biex jaghmlu l-ordni rridu jordnaw minimum ta' zewg miljuni *labels* biex hekk il-prezz ikun ahjar u igibilhom *bulk discounts*; kien jghidilhom li kien jordna kemm ghalihom u ghal Coca Cola biex igib bulk discounts u l-beneficcju ta' dan id-discount imur ghalihom; kien ighidilhom li peress

il-karta trid tigi mill-Brazil, trid iz-zmien biex tasal Malta u tigi stampata; kien isemmilhom li l-karta kienet mill-ahjar u semmilhom  il-kaz ta' Mizzi li meta ma uzahx minn dina l-karta ddispjacih.

Illi l-konvenuti ppruvaw li fil-fatt dak li kien jghidilhom Joseph Micallef ma kienx ikun vera u kien jghidilhom hekk biex jiccargjahom prezz gholi. Meta l-konvenuti indunaw li Joseph Micallef kien iqarraq bihom, huma kienu gustifikati li jitterminawlu l-ordni. Jirrizulta li meta giet imhassra l-ordni,  l-atturi ma kienux ghadhom bdew jahdmu dina l-ordni l-gdida tant li l-kwistjoni kollha inqalghet ghax il-konvenuti riedu xoghol ta' printing ta' malajr u l-atturi ma kienux f'posizzjoni li jaqduhom.

Dwar id-danni reklamati mill-atturi, l-Qorti tirrileva li d-danni li l-atturi sofrew minhabba l-labels tal-Kimara huma diga nkluzi fl-ammont ta' Lm97,000 fl-ewwel talba, mentri dak li gie allegat  mill-atturi li tifu kljenti minhabba x-xoghol tal-konvenuti, ma jirrizultax u l-atturi lanqas  indikaw almenu kljenti wiehed li tilfu.

**<u>Hlas indebitu</u>**

Fl-eccezzjonijiet l-ohra l-konvenuti qed jghidu li l-atturi thallsu indebitament prezz ferm akbar milli kien dovut. Illi dina l-eccezzjoni hija l-mertu tal-kawza l-ohra 50/95 u dina l-pretensjoni giet decizja f'dik il-kawza.

**DECIZJONI.**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
prevja li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti
Tichad it-talbiet ta' l-atturi
Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------